2025/1434

15.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1434

tal-15 ta' Lulju 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/888 tat-28 ta' April 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/888.

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha lir-Repubblika tal-Moldova u r-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tagħha fid-dawl ta' attivitajiet destabilizzanti minn atturi esterni.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu seba' persuni u tliet entitajiet mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/888.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/888 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/888 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

[1] ĠU L 114, 2.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/888/oj.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/888 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
"17.	Alexandru BEȘCHIERU	Funzjoni: Mexxej tal-partit politiku 'Forța de Alternativă și de Salvare a Moldovei' ('Alternative and Salvation Force of Moldova') Data tat-twelid: 5.7.1990 Post tat-twelid: Chișinău, Republic of Moldova Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Alexandru Beșchieru huwa l-mexxej tal-partit politiku 'Forța de Alternativă și de Salvare a Moldovei' ('FASM'), li huwa wieħed mis-suċċessuri tal-partit politiku illegali ȘOR, immexxi minn Ilan Shor. F'April 2024, Ilan Shor nieda f'Moska l-blokk politiku Victory/Pobeda, li jgħaqqad is-suċċessuri tal-partit tiegħu, inkluż il-FASM. Bħala l-mexxej tal-FASM, Alexandru Beșchieru jirrappreżenta lill-partit u jikkoordina l-attivitajiet tiegħu. Għalhekk huwa assoċjat mal-blokk politiku Victory/Pobeda. Huwa assoċjat ukoll ma' Ilan Shor.	15.7.2025
18.	Victoria FURTUNĂ	Funzjoni: Politiku – Mexxejja tal-partit politiku 'Moldova Mare' Data tat-twelid: 24.2.1981 Post tat-twelid: Hâncești, Republic of Moldova Sess: mara Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Victoria Furtună hija politiku mir-Repubblika tal-Moldova li rċeviet appoġġ sinifikanti minn Ilan Shor u l-blokk politiku Victory/Pobeda, li huwa s-suċċessur tal-partit politiku illegali ȘOR, immexxi minn Ilan Shor. B'mod partikolari, matul l-elezzjoni Presidenzjali tal-2024, il-membri tal-blokk politiku Victory/Pobeda ġew imħeġġa jivvutaw għal Victoria Furtună, inkluż permezz ta' skemi ta' tixħim. Barra minn hekk, bi ksur tal-liġijiet elettorali li jipprojbixxu l-kampanji matul il-jum tal-elezzjonijiet, il-persuna elenkata Ilan Shor u l-assoċjati tiegħu taw struzzjonijiet lis-sostenituri tagħhom biex jivvutaw għal Victoria Furtună. Għalhekk, hija assoċjata mal-blokk politiku Victory/Pobeda. Hija assoċjata ukoll ma' Ilan Shor.	15.7.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Vadim GROZAVU	Funzjoni: Mexxej tal-partit politiku 'Victorie' (Victory) Data tat-twelid: 2.12.1984 Post tat-twelid: Republic of Moldova Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Vadim Grozavu huwa l-mexxej tal-partit politiku 'Victorie', li huwa wieħed mis-suċċessuri tal-partit politiku illegali ȘOR, immexxi mill-persuna elenkata Ilan Shor. F'April 2024, Ilan Shor nieda f'Moska l-blokk politiku Victory/Pobeda, li jgħaqqad is-suċċessuri tal-partit tiegħu, inkluż Victory. Bħala l-mexxej ta' Victory, Vadim Grozavu jirrappreżenta lill-partit u jikkoordina l-attivitajiet tiegħu. Għalhekk huwa assoċjat mal-blokk politiku Victory/Pobeda. Huwa assoċjat ukoll ma' Ilan Shor.	15.7.2025
20.	Irina MIHAIL LOZOVAN	Funzjoni: Politiku – partit politiku 'Renaștere' (Revival) Data tat-twelid: 27.12.1983 Post tat-twelid: Lipcani, Republic of Moldova Sess: mara Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Irina Lozovan hija politiku fir-Repubblika tal-Moldova mill-partit politiku Renaștere ('Renaștere'/'Revival'), li huwa wieħed mis-suċċessuri tal-partit politiku illegali ȘOR, immexxi mill-persuna elenkata Ilan Shor. F'April 2024, Ilan Shor nieda f'Moska l-blokk politiku Victory/Pobeda, li jgħaqqad is-suċċessuri tal-partit tiegħu, inkluż Renaștere. Irina Lozovan ħadet sehem f'dan l-avveniment u kellha rwol eżekuttiv fl-iskema ta' tixħim ta' Ilan Shor fil-kuntest tal-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum kostituzzjonali dwar l-adeżjoni mal-UE tal-2024. Billi dgħajfet serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, Irina Lozovan hija responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Hija assoċjata wkoll mal-blokk politiku Victory/Pobeda u Ilan Shor.	15.7.2025
21.	Alexei LUNGU	Funzjoni: Ġurnalist, President tal-Partit Politiku 'Șansă' (Chance) Post tat-twelid: Republic of Moldova Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Alexei Lungu huwa l-mexxej tal-partit politiku 'Șansă', li huwa wieħed mis-suċċessuri tal-partit politiku illegali ȘOR, immexxi mill-persuna elenkata Ilan Shor. F'April 2024, Ilan Shor nieda f'Moska l-blokk politiku Victory/Pobeda, li jgħaqqad is-suċċessuri tal-partit tiegħu, inkluż Șansă. Bħala l-mexxej ta' Șansă, Alexei Lungu jirrappreżenta lill-partit u jikkoordina l-attivitajiet tiegħu. Għalhekk huwa assoċjat mal-blokk politiku Victory/Pobeda. Huwa assoċjat ukoll ma' Ilan Shor.	15.7.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
22.	Alexandr NESTEROVSCHI	Funzjoni: Politiku Data tat-twelid: 11.1.1981 Post tat-twelid: Răuțel, Republic of Moldova Sess: raġel Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova	Alexandr Nesterovschi huwa politiku mir-Repubblika tal-Moldova li kien involut fi skemi ta' tixħim organizzati mill-persuna elenkata Ilan Shor sabiex jiġu korrotti diversi politiċi mir-Repubblika tal-Moldova biex joħolqu moviment apparentement pro-Ewropew, li iżda kien fil-fatt ikkontrollat minn Ilan Shor minn Moska. Matul il-proċess kriminali tiegħu, Alexandr Nesterovschi rċieva appoġġ mir-Russja u minn Ilan Shor. Huwa ġie kkundannat għal 12-il sena ħabs għal korruzzjoni politika. Billi dgħajjef il-proċess politiku demokratiku, inkluż billi pprova jiddestabbilizza jew iwaqqa' l-ordni kostituzzjonali, Alexandr Nesterovschi huwa responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Huwa assoċjat ukoll ma' Ilan Shor.	15.7.2025
23.	Natalia PARASCA	Funzjoni: Politiku; mexxejja tal-partit politiku 'Renaștere' (Revival); membru tal-bord tal-organizzazzjoni 'Evrazia' Data tat-twelid: 2.2.1990 Post tat-twelid: Ukraine Sess: mara Nazzjonalità: Russa	Natalia Parasca hija l-mexxejja tal-partit politiku 'Renaștere' (Revival), li huwa wieħed mis-suċċessuri tal-partit politiku illegali ȘOR, immexxi mill-persuna elenkata Ilan Shor. F'April 2024, Ilan Shor nieda f'Moska l-blokk politiku Victory/Pobeda, li jgħaqqad is-suċċessuri tal-partit tiegħu, inkluż Renaștere. Bħala l-mexxejja ta' Renaștere, Natalia Parasca tirrappreżenta lill-partit u tikkoordina l-attivitajiet tiegħu. Hija wkoll membru tal-bord tal-entità elenkata Evrazia, li hija involuta b'mod attiv fl-iskemi ta' finanzjament illegali ta' Ilan Shor. Natalia Parasca hija għalhekk assoċjata mal-blokk politiku Victory/Pobeda, ma' Ilan Shor u mal-Evrazia.	15.7.2025";

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1434/oj

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
“3.	A7 OOO (A7 LLC)	Tip ta’ entità: Kumpanija b’responsabbiltà limitata Indirizz: 125196, Moscow, District of Tverskoy, Lesnaya Street 9, Room 2/10, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 087101182757	L-A7 ġiet stabbilita minn Ilan Shor, flimkien ma’ diversi kumpaniji finanzjarji f’Moska, fi sħubija ma’ entitajiet statali Russi. Dawn il-kumpaniji huma marbuta ma’ sforzi biex jinfluwenzaw l-elezzjonijiet Presidenzjali u r-referendum Kostituzzjonali dwar l-adeżjoni mal-UE li sar fir-Repubblika tal-Moldova fl-2024. Ilan Shor uża l-A7 biex jittrasferixxi flus lill-votanti, filwaqt li offra pagamenti bi skambju għal voti kontra r-referendum u għal kandidati speċifiċi fl-elezzjonijiet Presidenzjali. Billi dgħajfet serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, l-A7 hija responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. L-A7 hija assoċjata wkoll ma’ Ilan Shor.	15.7.2025
4.	BLOKK POLITIKU VICTORY/POBEDA Политический блок ‘Победа’	Tip ta’ entità: Blokk politiku Indirizz: Moscow, Russian Federation	Il-blokk politiku Victory/Pobeda ġie stabbilit minn Ilan Shor fil-21 ta’ April 2024. Il-blokk ġie ffurmat b’diversi firmatarji notevoli inkluż Marina Tauber u Evghenia Guțul, u mexxejja tal-partiti ‘Chance’ (Șansă), ‘Revival’ (Renaștere), ‘Victory’ (Victorie) u ‘Alternative and Salvation Force of Moldova’ (Forța de Alternativă și de Salvare a Moldovei). Matul l-assemblea, Ilan Shor ġie elett bħala l-president tal-blokk politiku, bil-persuni elenkati Evghenia Guțul bħala s-segretarju eżekuttiv u Marina Tauber bħala s-segretarju. Il-blokk politiku Victory/Pobeda huwa involut fit-tixrid ta’ informazzjoni falza kif ukoll fi skemi ta’ xiri ta’ voti matul l-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum kostituzzjonali dwar l-adeżjoni mal-UE li sar fir-Repubblika tal-Moldova fl-2024. Billi dgħajjef il-proċess politiku demokratiku, inkluż billi dgħajjef serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, il-blokk politiku Victory/Pobeda huwa responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Huwa assoċjat ukoll ma’ Ilan Shor.	15.7.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
5.	The Cultural Educational Centre of Moldova ('Культурно-образовательный центр Молдовы')	Tip ta' entità: Organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ awtonoma Indirizz: Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1237700920654 – 9705215107/770501001 Sit web: https://moldovacenter.ru/	Iċ-Ċentru Kulturali Edukattiv tal-Moldova ffaċilita ndħil elettorali fl-elezzjonijiet presidenzjali tal-2024 billi qassam vawċers b'xejn lill-votanti ttrasportati lejn post tal-votazzjoni f'Moska, filwaqt li fl-istess ħin ippromwova l-programm ta' propaganda 'Card of the Citizen of the Republic of Moldova in the Russian Federation' (Karta taċ-Ċittadin tar-Repubblika tal-Moldova fil-Federazzjoni Russa). Dawk l-attivitajiet twettqu f'koordinazzjoni ma' Ilan Shor u assoċjati oħra, biex jinfluwenzaw b'mod sistematiku r-riżultati elettorali. Ilan Shor u Evghenia Guțul, flimkien mal-partit politiku Victory, ippromwovew il-ftuħ taċ-Ċentru Kulturali Edukattiv f'diversi bliet Russi. L-avveniment ta' tnedija ntuża wkoll bħalP pjattaforma għall-promozzjoni tal-aġenda tal-Blokk politiku Victory/Pobeda, immexxi minn Ilan Shor u Evghenia Guțul. Billi dgħajjef il-proċess politiku demokratiku, inkluż billi dgħajjef serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, iċ-Ċentru Kulturali Edukattiv tal-Moldova huwa responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Iċ-Ċentru Kuturali Edukattiv tal-Moldova huwa għalhekk assoċjat ma' Ilan Shor.	15.7.2025".